---

12 ta' April, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Chetcuti *versus* Franġisk Vassallo

**Obligazzjoni — Delitt — Kważi-Delitt — Kompetenza.**

*Obligazzjoni li titwieled minn delitt jew kważi-delitt tieħu l-karattru kummerċjali meta l-iskop tagħha huwa kummerċjali, jew meta hija kollegata għal fatt kummerċjali, non ostanti li dik l-obligazzjoni mhix magħduda bejn l-attijiet obbjettivi tal-kummerċ; u għalhekk il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawżi dwar obligazzjoni ta' din ix-xorta hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur, wara li qal li saret kolliżjoni bejn it-truck tal-konvenut mal-van tiegħu, mezzi wżati għal skop ta' kummerċ, ċirka ħames xhur ilu; u li bejn il-

kontendenti sar ftehim li hu kellu jirranġa u jsewwi l-ħsara li tirrigwarda l-makna tal-van tiegħu u l-aċċessorji tagħha, kompriżi l-parafangi, u l-konvenut kellu jħallas il-ħsarat u r-riparazzjonijiet kollha tal-body tal-van ta' l-attur, kif ukoll tal-ħġieġ; u li meta hu għamel it-tiswijiet tal-ħsarat u r-riparazzjonijiet nefaq is-somma ta' £62. 4. 7 (dok. A u B), somma li meta talabha lill-konvenut, dana inġustament irrifjuta li jħallas; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £62. 4. 7, għar-riparazzjonijiet li huwa għamel fil-van tiegħu, fil-body u fil-ħġieġ, kif ġie konvenut bejn il-kontendenti; bl-imgħax kummerċjali minnotifika taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Frar 1948, li biha laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Li mill-provi rriżulta li ż-żewġ partijiet huma kummerċjanti, u li l-ħsara illi tagħha l-attur qiegħed jitlob ir-riżarċiment saret fil-ħabta tat-truck li l-konvenut kien qiegħed isuq fil-waqt li kien sejjer lejn il-biċċerija. L-obligazzjoni li jista' jkollu l-konvenut għaldaqstant titnissel mill-ħtija li jista' kellu l-konvenut f'dik il-ħabta tat-truck tiegħu mal-van ta' l-attur. Dik il-ħabta bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma tista' tidħol fl-attività kummerċjali tal-konvenut, u għalhekk l-obligazzjoni tar-riżarċiment ma tistax tkun ta' natura kummerċjali, fil-waqt li l-fatt li ż-żewġ partijiet huma kummerċjanti ma jirrendix kummerċjali l-kwistjoni ta' bejniethom f'din il-kawża; għaliex l-obligazzjoni, bħala estranea għallkummerċ tagħhom, ma nħolqotx b'att tal-kummerċ, iżda b'att merament ċivili. Għaldaqstant il-kawża m'hijiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti, iżda tal-Qorti Ċivili;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' l-imsemmi Giuseppe Chetcuti, li talab li jiġi dikjarat u deċiż liema Qorti hija kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża, biex lilha jiġu rinvijati l-atti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast li ż-żewġ kontendenti huma kummerċjanti, u li l-karrozzi tagħhom rispettivi, li ħadu sehem fil-kolliżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni, huma użati għall-iskopi tal-kummerċ tagħhom. Infatti l-konvenut stess fix-xhieda tiegħu (fol. 15) qal li meta saret il-kolliżjoni kien sejjer iġib mill-biċċerija l-laħam tar-razzjon;

Ikkunsidrat;

Illi l-obligazzjoni li titwieled minn delitt jew kważi-delitt tieħu l-karattru kummerċjali meta l-iskop tagħna huwa kummerċjali, jew meta, bħal f'dan il-każ, hija kollegata għal fatt kummerċjali, non ostanti li dik l-obligazzjoni mhix magħduda bejn l-attijiet objettivi tal-kummerċ (ara f'dan is-sens sentenzi ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ġunju 1909 in re "Cassar vs. Borg", u tal-11 ta' Marzu 1931 in re "Tanti vs. Micallef";

Għaldaqstant;

Tirrevoka l-imsemmija deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fl-4 ta' Frar 1948, u tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-imsemmija Qorti tal-Kummerċ; u tordna li lilha jiġu rinvijati l-atti għal dak l-iskop. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi rigward dan l-inċident jitħallsu mill-konvenut.